



L-UE tiffirma l-programm tal-politika spazjali futur tagħha

L-UE qed tfassal il-programm tal-politika spazjali tagħha għas-snin 2021-2027. L-ambaxxaturi għall-UE li ltaqgħu fil-Coreper illum ikkonfermaw il-fehim komuni milħuq mill-Presidenza Rumena mal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' regolament dwar programm spazjali tal-UE.

Il-fehim komuni jeskludi aspetti finanzjarji u oħrajn orizzontali tal-programm, li ser jiddependu fuq il-ftehim ġenerali futur dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

- [Ara hawnhekk ir-rapport ta' progress, inkluż it-test tal-fehim komuni fl-anness.](#)

Ir-regolament ser jiżgura:

- data u servizzi relatati mal-ispazju ta' kwalità għolja, aġġornati u siguri;
- benefiċċji soċjoekonomiċi akbar mill-użu ta' tali data u servizzi, bħal aktar tkabbir u ħolqien ta' impjiegi fl-UE;
- aktar sigurtà u awtonomija strateġika tal-UE;
- rwol aktar b'saħħtu għall-UE bħala attur ewlieni fis-settur tal-ispazju.

Ser jikseb dan billi:

- jissimplifika u jirrazzjonalizza l-qafas legali eżistenti tal-UE dwar il-politika spazjali;
- jipprovdi lill-UE b'baġit adegwat għas-settur tal-ispazju sabiex tkompli għaddejja bil-programmi emblematiċi eżistenti dwar l-ispazju u ttejjibhom, bħal EGNOS, Galileo u Copernicus, kif ukoll timmonitorja l-perikli spazjali permezz tal-programm "għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju" (SSA), u ttiprovdi aċċess għal komunikazzjonijiet siguri bis-satellita għall-awtoritajiet nazzjonali (GOVSATCOM);
- jistabbilixxi r-regoli għall-governanza tal-programm spazjali tal-UE; jistandardizza l-qafas tas-sigurtà tal-programm spazjali.

Il-passi li jmiss

Il-Kunsill jistenna li n-negozjati mal-Parlament Ewropew li jmiss jerġgħu jibdew malajr kemm jista' jkun, bil-ħsieb li jiġu ffinalizzati abbażi tal-progress miksub, kif rifless fil-fehim komuni. Jeħtieġ li n-negozjati jqisu wkoll il-ftehim ġenerali futur dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027.

Sfond

Fis-6 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament għal programm spazjali għall-Unjoni Ewropea. Ir-regolament propost huwa parti mis-segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Spazjali għall-Ewropa (SSE).

Il-baġit għall-programm ser jiġi ffinalizzat biss ladarba jkun hemm ftehim dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027. Il-proposta tal-Kummissjoni tissuġġerixxi baġit globali għall-programm ta' €16-il biljun fi prezzijiet attwali għall-perjodu 2021-2027 bit-tqassim indikattiv li ġej: €9.7 biljun għal Galileo u EGNOS, €5.8 biljun għal Copernicus u €0.5 biljun għal SSA u GOVSATCOM.

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press